MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2011

Numru 1004/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**Vs**

**Alexander Attard, ta' 41 sena, bin Joseph u Maria Dolores nee` Agius, imwieled l-Marsa nhar it-30 ta' Mejju 1970, residenti gewwa Nru. 117, 'San Guzepp', Triq Ninu Cremona, Paola, detentur ta' karta ta' l-dentita` numru 319070(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat li permezz taghha huwa gie akkuzat talli, nhar ilis-27 ta' Jannar, 2011, ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar (12:30HRS), gewwa l-ufficini ta' Elmo Insurance sitwati Triq ix-Xatt ta' Xbiex;

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjed haddiehor mobbli jew immobbli, a detriment tal-Kumpanija Elmo Insurance u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf Mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€116.47 , liema hsara teccedi aktar minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1.164.69c), imma izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

2. u aktar talli fl-istess hin, lok u crikostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Genrali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali kwazi netta tieghu u l-fatt illi l-imputat hallas ghad-danni kawzati minnu u skuza ruhu ghall-akkadut mal-parte leza.

Ghalhekk wara li rat l-artikoli 325 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed

tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni  li ma jikkommetix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------